# IL-MANWAL TAL-ISFIDI TAL-LINGWI

## TA' AĠENT SIGRIET

TOP SECRET
TOP SECRET
TOP SECRET

MT



# JOFFRI SA 50 SFIDA U WAĦDA TAL-LINGWI FIT-TAĦRIĠ TIEGĦEK BIEX TILĦAQ AĠENT MILL-AQWA

# GĦAŻIŻ AĠENT,

Bħala aġent internazzjonali inti se żżur postijiet ġodda u pajjiżi barranin. Se tkun sfida iebsa. Aġent tajjeb għandu jkun kunfidenti dwar il-ħiliet tiegħu fil-lingwi biex ikun ċert li qatt ma jiżvela l-identità tiegħu! Għaldaqstant jeħtieġ li tkun taf titkellem b'lingwi barranin b'mod kemm jista' jkun mexxej. Dan il-manwal ġie żviluppat biex jgħinek issir aġent mill-aqwa.

L-isfidi tal-lingwi li ssib fil-paġni li ġejjin huma marbuta l-iktar ma' attivitajiet komunikattivi awtentiċi ta' kuljum, li l-aġenti jridu jkunu preparati għalihom.

Ir-riċerka turina li xi studenti jibżgħu jieħdu riskju u mhux dejjem jaħtfu l-opportunità biex jipprattikaw lingwa li jkunu qed jitgħallmu lil hinn mill-klassi.

Il-komunikazzjoni b'lingwa barranija fil-ħajja ta' kuljum hija xi ftit stressanti speċjalment meta tkun fuq missjoni. Tista' tagħmel xi żbalji, tinftiehem ħażin, ma tifhimx sew lill-oħrajn, tassumi identità differenti u tbiddel il-mod kif tuża lingwa.



Dan il-manwal ta' aġent sigriet se jħejjik għal dawn is-sitwazzjonijiet. Iżjed ma tipprova sfidi tal-lingwi, iżjed se żżid il-kunfidenza tiegħek f'kull missjoni li tidħol għaliha.

Awguri aġent!

*Il-kap ewlieni tal-Jum Ewopew tal-Lingwi*

Ismek bħala aġent:

Ismek veru:

Diviżjoni/skola/istituzzjoni tal-aġent:

Il-marki tas-swaba' tiegħek:



# IL-MISSJONI TIEGĦEK



Idħol għal kemm tiflaħ sfidi mil-lista pprovduta.

Kull darba li tagħmel sfida ikteb fl-ispazji provdut.

Tista' tuża l-ispazju provdut fl-aħħar tad-dokument biex tipprova sfidi oħra li tixtieq tidħol għalihom.

Għodd l-isfidi li għamilt. Meta tlesti mill-inqas 20, tkun eliġibbli biex tirċievi ċertifikat mis-sit elettroniku tal-Jum Ewropew tal-Lingwi. **edl.ecml.at/languagechallenge**.

**Attenzjoni: Dan il-manwal mhux se jinqered wara li tlesti l-isfidi kollha!**



# GĦALIEX 50 SFIDA U 1?

L-ewwel nett l-isfidi għandhom ikunu ta' pjaċir! Aħna nsejħulhom sfidi għax iħeġġuk tagħmel xi ħaġa ġdida - li wisq probabbli ma tagħmilx is-soltu u għalhekk ikollok tagħmel xi ħaġa li m'intix imdorri tagħmel. Xi wħud jinvolvu ftit riskju - iżda kif jgħidu – jekk ma tippruvax ma tkunx taf x'taf!

Il-50 sfida u 1 joffru firxa wiesgħa ta' possibilitajiet, li minnhom tista' tagħżel x'se tapplika f'missjoni, f'ambjent ta' klassi, waħdek, jew ma' sħabek, jew tal-familja. Xi wħud huma iktar diffiċli minn oħrajn (l-iktar diffiċli qiegħda mmarkata b'ikona) iżda fil-maġġoranza tagħhom l-isfidi huma maħsuba biex ikunu flessibbli u addattati għal etajiet, kuntesti, lingwi u livelli ta' kompetenza ta' lingwi differenti.

Nisperaw li tispira ruħek minn xi sfidi minn dawn u permezz t'hekk jirnexxilek tiżviluppa oħrajn minn moħħok u żżidhom mal-lista.

**50+1**

# IL-51 SFIDA

Il-'51 sfida' hija waħda speċjali, fejn inti tista' verament tuża l-kreattività tiegħek u turi lid-dinja (jew mill-inqas parti żgħira minnha!) x'taf tagħmel b'lingwa barranija waħda jew iktar. Bi kliem iktar sempliċi din tissejjaħ 'X'inti kapaċi tagħmel b'lingwa barranija?'

F'din l-isfida, inti mistieden/na ttella' filmat qasir (ta' mhux iktar minn 30 sekonda) fuq is-sit elettroniku tal-Jum Ewropew tal-Lingwi dwar it-tema msemmija. Tista' tibbaża l-filmat tiegħek fuq sfida waħda jew iktar tal-manwal, jew inkella toħroġ b'idea ġdida inti stess.

Madankollu, jekk jogħġbok tagħmel xejn li tasal tweġġa' lilek innifsek jew lil ħaddieħor! Se jinħoloq filmat bl-iktar applikazzjonijiet kreattivi u dan se jittella' fuq is-sit elettroniku tal-Jum Ewropew tal-Lingwi

# SFIDI LI JINVOLVU DIVERSI LINGWI

1. Sellimt lil xi ħadd (eż. Billi għedt 'bonġu', eċċ.) jew anki għedt 'Inħobbok!' b'5 lingwi f'minuta.

taħdit

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

2. Għaraft 5 lingwi (b'mod korrett!) fil-logħba X'lingwa hi? fuq is-sit web tal-Jum Ewropew tal-Lingwi.
**edl.ecml.at/whichlanguage**

smigħ

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

3. Għoddejt mill-1-10 bi 3 lingwi f'minuta.

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

4. Sellimt 3 persuni bil-lingwa tagħhom (li hija differenti mill-ewwel lingwa tiegħek!).

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

5. Ktibt kelma bi 3 lingwi li jużaw alfabett differenti (bħall-Grieg, Ċirilliku jew Latin).

kitba

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

6. Tgħallimt kif nagħmel is-sinjali għal 2 kelmiet u nispelli ismi bil-lingwa tas-sinjali (Lingwa tas-sinjali internazzjonali jew nazzjonali).

sinjali

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

7. Sibt 5 kelmiet bil-lingwa tiegħi li huma l-istess jew ġew missellfa minn lingwi oħrajn.

qari

| Id-data tat-tlestija | Firma |
|---|---|
| | |

8. Ktibt il-kulur/l-isport/il-passatemp/l-annimal favorit tiegħi bi 3 lingwi differenti.

Id-data tat-tlestija | Firma

9. Sibt u ktibt 3 kelmiet bil-lingwa tiegħi li jfissru affarijiet differenti b'lingwi oħrajn (ħbieb foloz!).

Id-data tat-tlestija | Firma

10. Sibt poliglota li jitkellem mill-inqas 5 lingwi u skoprejt għaliex jitkellem daqshekk lingwi.

Id-data tat-tlestija | Firma

11. Smajt 5 kanzunetti b'lingwi differenti.

Id-data tat-tlestija | Firma



# SFIDI LI JINVOLVU MILL-INQAS LINGWA BARRANIJA WAĦDA

12. Ktibt l-iktar 3 kelmiet favoriti tiegħi b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

13. Qrajt komik b'lingwa barranija.

diffiċli!

Id-data tat-tlestija | Firma

14. Introduċejt ruħi f'filmat bl-użu ta' lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

15. Ċempilt/għamilt telefonata bi skype b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

16. Qlibt il-lingwa tal-mobile jew tat-tablet għal lingwa barranija għal jum wieħed (jew iktar!).

Id-data tat-tlestija | Firma

17. Qrajt magażin jew aħbar b'lingwa barranija u għedtha fil-qosor lil ħabib/a tiegħi fil-qosor.

Id-data tat-tlestija | Firma

18. Bgħatt messaġġ b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

19. Smajt ktieb bl-awdjo b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

20. Għamilt siegħa nisma' stazzjoni tar-radju b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

21. Tellajt messaġġ fuq forum online jew pjattaforma tal-midja soċjali b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

22. Rajt film b'lingwa barranija (bis-sottotitoli).

Id-data tat-tlestija | Firma

23. Rajt film b'lingwa barranija (mingħajr sottotitoli).

Id-data tat-tlestija | Firma

24. Iltqajt ma' persuna ġdida li għandha l-ewwel lingwa tagħha differenti minn tiegħi u tkellimt magħha bil-lingwa tagħha.

Id-data tat-tlestija | Firma

25. Użajt dizzjunarju, jew sors ieħor, biex infittex u nitgħallem 10 kelmiet ġodda b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

26. Rajt l-isport favorit tiegħi fuq it-televiżjoni b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma



27. Mort karaoke u kantajt kanzunetta b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

28. Flimkien ma' ħabib/a tiegħi ktibt il-kliem ta' kanzunetta/rap b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

29. Użajt riċetta b'lingwa barranija biex insajjar (mingħajr ma ħraqt il-kċina/ivvelenajt lil ħadd!).

Id-data tat-tlestija | Firma

30. Ittraduċejt kanzunetta b'lingwa barranija għal-lingwa tiegħi.

Id-data tat-tlestija | Firma

31. Lestejt kwiżż b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

32. Għedt ċajta b'lingwa barranija (u daħħakt lil xi ħadd biha!).

Id-data tat-tlestija | Firma

33. Ktibt messaġġ biex nibgħat xewqat sbieħ lil xi ħadd minħabba okkażjoni speċjali (għeluq snin xi ħadd, peress li għadda minn eżami eċċ.) b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

34. Għedt storja qasira b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

35. Issellift (u qrajt!) ktieb b'lingwa barranija mil-librerija.

Id-data tat-tlestija | Firma

36. Niżżilt (u użajt!) applikazzjoni biex nitgħallem lingwa b'xejn fuq il-mobile/tablet. (**www.ecml.at/ICT**)

Id-data tat-tlestija | Firma

37. Meta mort vaganza f'pajjiż ieħor, użajt il-lingwa/i tal-pajjiż biex nitkellem man-nies/ nordna l-ikel u x-xorb/ nagħmel il-qadi ta' kuljum.

Id-data tat-tlestija | Firma

38. Tkellimt ma' ħabib/a dwar l-isfida tal-lingwa b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

39. Ktibt kartolina qasira lil ħabib/a b'lingwa barranija biex nixtieqlu/nixtiqilha l-vaganzi t-tajba.

Id-data tat-tlestija | Firma

40. Użajt l-għodda Awtoevalwazzjoni tal-ħiliet tiegħek fil-lingwa biex nassessja l-livell ta' kompetenza tiegħi f'lingwa/i li naf. **edl.ecml.at/languagetool**

Id-data tat-tlestija | Firma

41. Lestejt it-Taħbil il-Moħħ tal-Jum Ewropew tal-Lingwi billi użajt l-alfabetti Latini u Ċirilliċi f'inqas minn 5 minuti. **edl.ecml.at/braingame**

Id-data tat-tlestija | Firma

42. Żammejt djarju b'lingwa barranija għal ġimgħa.

Id-data tat-tlestija | Firma



43. Lgħabt il-logħba 'speak dating' b'lingwi barranin.

Id-data tat-tlestija | Firma

44. Ħadt sehem f'wieħed mill-ħafna korsijiet qosra fl-okkażjoni tal-Jum Ewropew tal-Lingwi biex niskopri lingwa ġdida.

Id-data tat-tlestija | Firma

45. Tgħallimt u rreċtajt test qasir (poeżija/kanzunetta/storja) b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

46. Ktibt lista tax-xiri b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

47. Lgħabt board game ma' sħabi li matulha tkellimna b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

48. Sibt kemm-il lingwa differenti qed jiġu mitkellma ġol-klassi/l-iskola/l-organizzazzjoni tiegħi.

Id-data tat-tlestija | Firma

49. Lgħabt sport ma' sħabi għal siegħa u tkellimna biss b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma

50. Qattajt nofstanhar ma' sħabi u tkellimna biss b'lingwa barranija.

Id-data tat-tlestija | Firma



# IL-51 SFIDA

Prosit, issa inti lestejt il-missjoni tiegħek. Urina x'taf!

51. Oħloq filmat qasir li juri 'X'inti kapaċi tagħmel b'lingwa barranija?' - Dan jista' jkun ibbażat fuq l-isfidi t'hawn fuq jew inkella dwar sfida li vvintajt inti!

Id-data tat-tlestija | Firma

Segwi l-istruzzjonijiet online u tella' l-filmat tiegħek hawn: **edl.ecml.at/languagechallenge**.

smigħ | taħdit | sinjali | qari | kitba | diffiċli!

# L-ISFIDI TIEGĦEK

# IN-NOTI TIEGĦEK

52.

Id-data tat-tlestija

Firma

53.

Id-data tat-tlestija

Firma

Aħna l-ħin kollu nfittxu sfidi ġodda biex inżiduhom fil-Manwal tal-Isfidi tal-Lingwi tal-futur. Jekk jogħġbok ibagħtilna l-ideat tiegħek: **edl.ecml.at/languagechallenge**

Lestejt dan in-numru ta' sfidi:

# KIF MORT AĠENT?

B'mod ġenerali, wara li lestejt l-isfidi kollha...

Inħossni iktar kunfidenti meta nuża lingwa barranija.

| Ma naqbel xejn | Ma naqbilx | M'iniex ċert/a | Naqbel | Naqbel ħafna |
|---|---|---|---|---|
| ● | ● | ● | ● | ● |

Inħossni motivat nuża lingwa barranija iktar spiss.

| Ma naqbel xejn | Ma naqbilx | M'iniex ċert/a | Naqbel | Naqbel ħafna |
|---|---|---|---|---|
| ● | ● | ● | ● | ● |

Għandi għarfien ikbar tal-lingwi użati madwari.

| Ma naqbel xejn | Ma naqbilx | M'iniex ċert/a | Naqbel | Naqbel ħafna |
|---|---|---|---|---|
| ● | ● | ● | ● | ● |

Nixtieq nitgħallem iktar dwar lingwi oħrajn.

| Ma naqbel xejn | Ma naqbilx | M'iniex ċert/a | Naqbel | Naqbel ħafna |
|---|---|---|---|---|
| ● | ● | ● | ● | ● |

Skoprejt opportunitajiet u riżorsi ġodda tajbin biex nitgħallem/ biex nuża lingwa barranija.

| Ma naqbel xejn | Ma naqbilx | M'iniex ċert/a | Naqbel | Naqbel ħafna |
|---|---|---|---|---|
| ● | ● | ● | ● | ● |



# KEMM-IL LINGWA KAPAĊI TIDENTIFIKA?

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | À | L | O | A | K | I | N | H | Λ | Λ | E | E | A | C | K | Й | A | L | À |
| H | L | E | O | S | L | E | K | S | K | A | L | B | Y | И | Ê | И | T | E | S |
| C | A | L | G | S | V | E | N | S | K | A | O | M | 3 | N | L | K | I | R | A |
| S | T | G | E | R | I | T | Ê | Ç | T | M | R | A | C | H | W | C | A | D | K |
| H | A | S | L | I | D | U | N | V | Я | A | J | M | C | P | П | C | K | И | Ь |
| U | C | K | A | Q | G | L | I | A | E | И | V | S | Q | Ų | T | У | K | A | C |
| E | S | S | G | U | Ă | E | K | G | K | E | E | R | D | I | E | P | O | H | H |
| F | E | Y | T | I | Š | C | M | C | E | G | Ă | F | H | V | I | Ê | N | N | Ï |
| L | G | R | L | U | У | T | H | Á | R | Ë | R | E | E | U | S | K | A | R | A |
| D | O | F | B | P | E | O | R | E | S | A | H | Ų | Č | T | S | Q | I | H | P |
| P | I | Ñ | A | O | Д | D | U | A | N | I | Č | Š | N | E | V | O | L | S | K |
| E | J | Л | A | E | S | B | M | Ç | K | P | V | I | D | I | Š | D | A | I | У |
| N | E | U | K | P | E | A | A | S | E | S | O | V | U | L | A | T | T | L | U |
| Б | L | A | Ö | Z | S | I | N | E | D | E | R | L | A | N | D | S | I | G | Ă |
| I | M | A | T | A | S | E | T | S | I | G | Ç | O | S | D | A | H | L | N | M |
| A | A | Ë | I | T | V | E | S | S | K | L | Ü | K | N | K | I | D | Â | E | A |
| M | L | U | Q | O | L | H | C | T | E | I | A | S | R | R | I | M | R | A | L |
| E | R | A | L | P | I | Q | H | S | R | E | Y | A | E | Ü | O | R | O | L | T |
| S | Í | S | L | E | N | S | K | A | M | A | G | Y | A | R | T | E | L | U | I |
| T | E | ი | ლ | უ | თ | რ | ა | ქ | E | G | Հ | Ա | Յ | Ե | Ր | Ե | Ն | A | S |

Kapaċi tagħraf l-ismijiet tat-43 lingwa kollha fil-lingwa oriġinali tagħhom? edl.ecml.at/languagematrix

# SFOND

Il-Jum Ewropew tal-Lingwi huwa inizjattiva tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea u jiġi ċċelebrat kull sena fis-26 ta' Settembru.

L-għanijiet ewlenin ta' dan il-Jum huma:

- li titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi;
- li tixtered id-diversità lingwistika u kulturali rikka li għandha l-Ewropa;
- li tħeġġeġ it-tagħlim tal-lingwi tul il-ħajja kemm fl-iskola kif ukoll lil hinn minnha.

Meta tfasslu l-isfidi tal-lingwi li jinsabu f'dan il-manwal, aħna ħadna ħsieb li l-isfidi jkunu jimmiraw lejn dawn l-għanijiet.**www.coe.int/edl**

EUROPEAN UNION

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE






# RIKONOXXIMENT

L-idea tal-isfidi hija bbażata fuq l-Inizjattiva Lingwistika tat-Teħid tar-Riskju, żviluppata fl-Istituzzjoni Uffiċjali tal-Lingwi u l-Bilingwiżmu tal-Università ta' Ottawa, il-Kanada.

uOttawa

Ninsabu grati lejn Prof. Nikolayu Slavkov u t-Tim ta' LingRisk għall-permess li tawna biex nadattaw il-kunċett u l-kontenut tagħhom għall-Jum Ewropew tal-Lingwi.

**ccerbal.uottawa.ca/linguistic-risk**

Il-Jum Ewropew tal-Lingwi
huwa mantnut u kkoordinat
miċ-Ċentru Ewropew tal-Lingwi Moderni
tal-Kunsill tal-Ewropa.

Is-sit elettroniku tal-Jum Ewropew tal-Lingwi: www.coe.int/edl

EUROPEAN CENTRE FOR MODERN LANGUAGES
ECML
CELV
CENTRE EUROPEEN POUR LES LANGUES VIVANTES

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE